# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2167

Każ Nru 2947/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Kenny Lee Debono

u

Water Services Corporation

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 1 ta' Awwissu 2012

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors tad-9 ta' Awwissu 2011 minn l-Avukati Toni Abela u Claudio Zammit f'isem ir-Rikorrenti Kenny Lee Debono fejn ġie allegat li din kienet ġiet inġustament liċenzjata minn mal-Water Services Corporation f'nofs April tal-2011. Il-Korporazzjoni ntimata li kienet rappreżentata minn Emanuel Galea, *Human Resources Manager*, assistit mill-Avv Peter Fenech, ċaħdet dan. Inżammu seba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti u xi differiment li kienu ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti tgħid li wara xi seba' xhur taħdem mal-Water Services Corporation hija ġiet preżentata b'abbozz ta' kuntratt tax-xogħol li permezz tiegħu kienet qed tintalab taħdem bħala *self-employed*. Ir-Rikorrenti tgħid li ma aċċettatx dan u bħala riżultat sfat imkeċċija mill-post li kienet tokkupa. Il-Korporazzjoni Ntimata tgħid li r-Rikorrenti qatt ma kienet taħdem bħala impjegata għax ma kelliex il-kwalifiċi neċessarji, iżda kienet qed tippresta s-servizzi tagħha bħala *Temporary Clerk.* Tgħid ukoll li kienet fil-fatt tat ir-riżenja hi.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Peress li kien hemm allegazzjoni mill-Korporazzjoni Ntimata li dan kien każ ta' riżenja u mhux ta' tkeċċija t-Tribunal ried jeżamina dan qabel ma jidħol fil-merti proprji. Il-Korporazzjoni Ntimata tibbaża t-teżi ta' riżenja fuq Affidavit tar-Rikorrenti datat 10 ta' Awwissu 2011. Kopja ċertifikata ta' dan l-Affidavit ġiet preżentata bil-ġurament minn Christian Borg, uffiċjal tal-ETC, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012. F'dan l-Affidavit ir-Rikorrenti tgħid bil-ġurament illi waqfet mix-xogħol "*Resigned due to disagreement with employer as I was offered a contract of self-employed and I did not accept these new conditions*". Dan it-Tribunal kellu diversi okkażjonijiet biex jifli allegati riżenji u ġieli elenka linji gwida dwar riżenji. Dawn jinkludu ċarezza u limpidità, li din issir liberament kif ukoll possibilment li l-allegata riżenja tkun bil-miktub biex jiġu evitati ekwivoċi. Fil-każ in eżami għandna dikjarazzjoni bil-miktub u ġuramentata li kien hemm fil-fatt riżenja. Quddiem din id-dikjarazzjoni univoka t-Tribunal ma għandu l-ebda dubju li fill-fatt kien hemm riżenja. L-argument tal-abbli konsulent legali tar-Rikorrenti li jekwipara riżenja ma' tkeċċija f'moħħ "il-bniedem fit-triq" (seduta tas-27 ta' Ġunju 2012 fol.34) frankament ma treġix għaliex ir-Rikorrenti ċertament ma tistax tistaħba wara l-paraventu ta' bniedem tat-triq. Id-dikjarazzjoni tagħha ġuramentata ma tistax fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal tiġi mwarrba leġġerment. Dan kollu huwa msaħħaħ bil-fatt li r-Rikorrenti ma komplitx taħdem iktar wara li rrifjutat li tiffirma l-kuntratt il-ġdid offrut lilha. Fix-xhieda tagħha r-Rikorrenti tgħid "Jiena għidtlu li ma aċċejtajtux dan il-kuntratt u qalli jekk mhux se taċċettah illum tista taqbad u titlaq. Jien dak il-ħin għidtlu sorry m'aċċettajtux, għidtlu mela nista nitlaq, daqshekk kienet" (seduta 9 ta' Mejju 2012 fol5).

In vista ta' dan it-Tribunal ma għandhux għax jidħol fil-merti tal-każ meta hemm prova ta' riżenja, dokumentata u ġuramentata u mhux kontestata, da parti tar-Rikorrenti.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li dan kien każ ta' riżenja u mhux ta' tkeċċija. Għaldaqstant jiċħad it-talba tar-Rikorrenti Kenny Lee Debono kontra l-Korporazzjoni Ntimata Water Services Corporation.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

A tenur ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-SEGRETARJU